bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Neville Xuereb)
vs
Yan Hai Dong
Hu Zhi Niao
Ji Zhang Xiao
Fang Wei
Jin Dan

Illum, 16 ta' lulju, 2002

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –

1. talli f'dawn l-aħħar xhur qabel it-12 ta' lulju, 2002, f'diversi postijiet f'Malta ffalsifikaw, biddlu jew għamlu xi tibdil f'passaport jew użaw jew kellhom għandhom passaport li huma jafu li ġie ffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih;
2. talli fit-12 ta' lulju, 2002, dwar xi nformazzjoni li għandha tiġi mogħtija skond jew għal finijiet ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni, taw jew ġiegħlu li jingħata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz;
3. talli fl-istess żmien għamlu falsifikazzjoni jew xjentement għamlu użu minn xi dokument iffalsifikat.

Il-Qorti ġiet mitluba li minbarra l-piena stabbilita bil-Liġi tiddikjara lill-imsemmija persuni bħala immigranti projbiti u toħroġ Ordni ta' Tneħħija kontra tagħhom.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' lulju, 2002 fejn l-imputati ammettew l-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(ċ) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannhom għal piena ta' tmien tijiem priġunerija kull wieħed minnhom u minn tali perjodu irid jitnaqqas il-perjodu tal-arrest preventiv. Rat l-artikoli 14 u 15 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara lill-imputati immigranti projbiti u tordna il-ħruġ ta' Ordni ta' Tneħħija kontra tagħhom.